**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 14**

It-Tnejn, 16 ta' Ġunju 2025

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.05 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard (Membru Sostitut), il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol l-Onor. Byron Camilleri, il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia, il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

Kienu preżenti wkoll l-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 13 li saret fit-5 ta' Mejju 2025 kienu kkonfermati.

**XOGĦOL IEĦOR**

**Mozzjoni ta' Proċedura dwar abbozzi ta' liġi li jkun fihom klawsoli li jirrikjedu maġġoranzi differenti skont il-Kostituzzjoni ta' Malta – Mozzjoni 379**

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, spjegat illi d-diskussjoni dwar din il-mozzjoni fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra kienet intiża sabiex ikun hemm diskussjoni dwar il-prinċipji u l-iskadenzi relatati mal-Mozzjoni ta' Proċedura dwar abbozzi ta' liġi li jkun fihom klawsoli li jirrikjedu maġġoranzi differenti skont il-Kostituzzjoni ta' Malta (Mozzjoni 379).

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, spjega l-għanijiet li għalihom tressqet il-Mozzjoni ta' Proċedura Mozzjoni 379.

Bil-permess tal-Kumitat ħadu sehem ukoll fid-diskussjoni l-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Carm Mifsud Bonnici.

L-Onor. Robert Cutajar talab ruling tas-sedja dwar l-ammissibilità tal-Mozzjoni ta' Proċedura 379.

L-Onor. Naomi Cachia infurmat lill-Kumitat illi f'każ li l-Ispeaker jiddeċiedi li l-mozzjoni tkun ammissibbli, din għandha tiġi diskussa fis-seduta tal-Erbgħa, 18 ta' Ġunju 2025, bil-vot dwarha jittieħed dakinhar stess.

**Aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti**

L-Onor. Naomi Cachia infurmat lill-Kumitat illi t-tielet Membru min-naħa tal-Gvern fuq il-grupp ta' ħidma mwaqqaf sabiex jittratta l-aġġornament tal-Orndijiet Permanenti kien l-Onor. Edward Zammit Lewis.

Hija talbet li tissejjaħ l-ewwel laqgħa ta' dan il-Grupp ta' Ħidma sabiex l-ewwel pass ikun li jkunu stabbiliti t-termini ta' referenza tal-Grupp.

Fit-3.52 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li kellha tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER **